TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 109/18/F

**Raycine Cassar u Marco Farrugia**

**vs**

**Christopher Vella – Chris Vella Woodworks**

Illum, 23 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, u ħames mitt Ewro (€3,500), rappreżentanti l-prezz ta' depożitu għal librerija li kellha tiġi nstallata fid-dar, u kif ukoll telf ta' lezzjonijiet privati minħabba li ma ġietx installata din il-librerija.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ħallsu elf, u ħames mitt Ewro (€1,500) bħala depożitu għal librerija li kellu jagħmel l-intimat, illi dan minkejja li ħa l-flus m'għamilx ix-xogħol. Qed jitolbu wkoll elf u ħames mitt Ewro (€1,500) tal-klijenti li tilfet li kellha tagħmel art lessons magħhom.

It-Tribunal, pero' qiegħed jikkonsidra biss it-talba tad-depożitu stante li hija ippruvata, waqt li t-telf ta' l-art lessons ma ġietx ippruvata.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, permezz ta' l-Affissjoni, u pubblikazzjoni fuq Gazzetta tal-Gvern u Gazzetta Lokali.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888